MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.
EDWINA GRIMA**

Seduta ta' l-4 ta' Marzu, 2005

Talba Numru. 1022/2004

**Maltacom p.l.c.**

**vs**

**Charles Dimech**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fit-02 ta' Lulju, 2004, fejn intalab li l-konvenut jigi kkundannat ihallas lis-socjeta attrici s-somma ta' tnejn u disghin lira Maltin u tnejn u disghin centezmu (Lm92.92) rappresentanti hsarat fuq tlefon cables minnu ikkagunati lill-proprjeta tas-socjeta attrici waqt xogholijiet fit-Triq Alamein, Pembroke matul ix-xahar ta' Frar 2003 skond kopja ta' invoice annessa ma'l-avviz u immarkata bhala Dokument A.

Bl-ispejjez, inkluzi dawk ta'l-ittra ufficjali u bl-imghaxijiet legali, kontra l-konvenut, ingunt in subizzjoni.

Wara li ra n-nota tal-mistoqsijiet tas-socjeta attrici sabiex il-konvenut iwiegeb ghalihom bil-gurament u b'hekk il-kreditu jigi ippruvat (Artikolu 698(2) u 702 tal-Procedura Civili);

Billi ghalkemm notifikat regolarment l-konvenut naqas u ma deherx la fis-seduta tat-18 ta' Frar 2005, meta gew ipprezentati l-kapitoli ghas-subizzjoni u lanqas ghas-seduta ta' llum, u n-nota tal-mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra;

Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz u tad-dokument esebiet.

Ghaldaqstant peress illi t-talba attrici tirrizulta soddisfacentement pruvata, u wara li ra l-Artikolu 13 (b) ta' l-Att V ta' l-1995, it-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta attrici s-somma ta' tnejn u disghin lira Maltin u tnejn u disghin centezmu (Lm92.92), bl-imghaxijiet legali.

L-ispejjez ta' dina l-istanza ghandhom jigu sopportati interament mill-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------